PARLAMENT EWROPEW

2015 - 2016

SILTA

MID-DOKUMENT "TESTI ADOTTATI"

TAS-SESSJONI PARZJALI TA'

11 ta' Novembru 2015



MT *Magħquda fid-diversità* **MT**

KONTENUT

P8_TA-PROV(2015)0393 5
PROGRAMM DWAR SOLUZZJONIJIET TA' INTEROPERABBILTÀ GĦALL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, IN-NEGOZJI U Ċ-ĊITTADINI EWROPEJ (ISA^2) ***I

P8_TA-PROV(2015)0395 63
IR-RIFORMA TAL-LIĠI ELETTORALI TAL-UNJONI EWROPEA

Parlament Ewropew
2014-2019

TESTI ADOTTATI
Edizzjoni proviżorja

P8_TA-PROV(2015)0393

Programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA^2) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2015 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA^2)L-interoperabbiltà bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku (COM(2014)0367 – C8-0037/2014 – 2014/0185(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0367),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0037/2014),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2014[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Frar 2015[2],

– wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Settembru 2015, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għal-

[1] ĠU C 12, 15.1.2015, p. 99.
[2] ĠU C 140, 28.4.2015, p. 47.

Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0225/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2014)0185

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Novembru 2015 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċizjoni (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA[2]) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Filwaqtli jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[5],

3 ĠU C 12, 15.1.2015, p. 99.
4 ĠU C 140, 28.4.2015, p. 47.
5 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2015.

Billi:

(1) F'serje ta' Dikjarazzjonijiet Ministerjali (f'Manchester fl-24 ta' Novembru 2005, f'Lisbona fid-19 ta' Settembru 2007, f'Malmö fit-18 ta' Novembru 2009 u fi Granada fid-19 ta' April 2010), il-ministri stiednu lill-Kummissjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi jiġu implimentati soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transkonfinali u transsettorjali li jippermettu servizzi pubbliċi aktar effiċjenti u siguri. Barra minn hekk, l-Istati Membri rrikonoxxew li jridu jitwettqu servizzi pubbliċi aħjar b'inqas riżorsi, u li l-potenzjal tal-gvern elettroniku jista' jissaħħaħ bil-promozzjoni ta' kultura ta' kollaborazzjoni u bit-titjib tal-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Mejju 2010 bit-titolu "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (ADE), waħda mill-inizjattivi emblematiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020 tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li l-interoperabbiltà hija essenzjali għall-fini li jiġi massimizzat il-potenzjal soċjali u ekonomiku ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u li, konsegwentement, l-aġenda diġitali tista' tkun effettiva biss jekk tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-16 ta' Diċembru 2010 bit-titolu Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej", il-Kummissjoni introduċiet l-Istrateġija Ewropea għall-Interoperabbiltà (IEI) u l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (QEI).

(4) ▌ L-interoperabbiltà tiffaċilita l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki ***u toffri potenzjal kbir biex jiġu evitati l-ostakoli elettroniċi transkonfinali, tiżgura aktar l-apparizzjoni ta' servizzi pubbliċi komuni ġodda jew il-konsolidazzjoni ta' servizzi pubbliċi komuni li għadhom qed jiġu żviluppati fil-livell tal-Unjoni.*** Il-politiki deskritti fil-premessi li ġejjin, b'mod partikolari, jiddependu fuq l-interoperabbiltà għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom.

(5) Fil-qasam tas-suq intern, id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] tirrikjedi li l-Istati Membri joffru lill-fornituri ta' servizzi l-possibbiltà li jimlew b'mod elettroniku u bejn il-fruntieri l-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa biex jipprovdu servizz barra mill-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom.

---

6 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

(6) Fil-qasam tad-dritt soċjetarju, id-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] tirrikjedi l-interoperabbiltà tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji tal-Istati Membri permezz ta' pjattaforma ċentrali. L-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kumpaniji se tiżgura l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni bejn ir-reġistri u se tiffaċilita l-aċċess fil-livell tal-Unjoni għan-negozji u ċ-ċittadini u għad-data dwar il-kumpaniji, u b'hekk titjieb iċ-ċertezza tad-dritt fl-ambjent tan-negozju fl-Unjoni.

(7) Fil-qasam tal-ambjent, id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] tirrikjedi l-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni komuni li jistabbilixxu arranġamenti ta' interoperabbiltà teknika. B'mod partikolari, dik id-Direttiva tirrikjedi li l-infrastrutturi nazzjonali jiġu adattati sabiex jiżguraw li s-settijiet tad-data u tas-servizzi spazjali jkunu interoperabbli u aċċessibbli bejn il-fruntieri fi ħdan l-Unjoni.

---

7 Id-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpanniji ***(ĠU L 156, 16.6.2012, p. 1).***

8 Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

(8) Fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-interoperabbiltà msaħħa fil-bażijiet ta' data Ewropej hija l-bażi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża[9], is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II[10], is-Sistema Ewropea tad-dattiloskopija[11] u l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika[12]. Barra minn hekk, fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jitolbu l-introduzzjoni tal-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni u li enfasizza l-ħtieġa għat-tfittix u l-iskambju interoperabbli tal-informazzjoni ġuridika ppubblikata f'ġurnali uffiċjali nazzjonali u f'gazzetti ġuridiċi, permezz tal-użu ta' identifikaturi uniċi u metadata strutturata. ***Il-kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-programm stabbilit f'din id-deċiżjoni jistgħu jiġġeneraw sinerġiji li jkunu ta' benefiċċju għall-kisba tal-miri rispettivi tagħhom.***

9 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

10 Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment tal-Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

12 https://e-justice.europa.eu

(9) ***L-interoperabbiltà fi ħdan amministrazzjonijiet pubbliċi lokali, nazzjonali u Ewropej tiffaċilita l-kisba tal-miri stabbiliti mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 dwar ir-Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE.***

(10) L-interoperabbiltà kienet fattur ewlieni fis-suċċess tad-dwana, it-tassazzjoni u d-dazji tas-sisa: bl-operat tas-sistemi tal-ICT trans-Ewropej madwar l-Istati Membri, u jappoġġaw is-servizzi tan-negozju interoperabbli ffinanzjati mill-programmi Fiscalis 2013 u Dwana 2013. Dawk il-programmi huma implimentati u operati mill-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. L-assi maħluqa taħt il-programmi Fiscalis 2013 u Dwana 2013 huma disponibbli għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid f'oqsma ta' politika oħrajn. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni kienu mistiedna, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2014 dwar ir-riforma ta' governanza tal-Unjoni Doganali tal-UE, jiżviluppaw strateġija ta' sistemi tal-IT ġestiti u operati b'mod komuni fl-oqsma kollha relatati mad-dwana.***

(11) Fil-qasam tas-saħħa, id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] tipprevedi regoli biex jiffaċilitaw l-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja. B'mod speċifiku, dik id-Direttiva stabbilixxiet in-netwerk tas-Saħħa elettronika biex tindirizza l-isfida tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi elettroniċi tas-saħħa. In-netwerk eHealth jista' jadotta linji gwida dwar il-ġabra minima ta' data li għandha tiġi skambjata bejn il-fruntieri fil-każ ta' kura mhux ippjanata u ta' emerġenza u dwar is-servizzi tal-Preskrizzjoni elettronika bejn il-fruntieri.

(12) Fil-qasam tal-fondi Ewropej, l-Artikolu 122 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] jirrikjedi li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet tal-awditjar u l-korpi intermedji jitwettqu permezz ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju tad-data. Dawk is-sistemi għandhom jiffaċilitaw l-interoperabbiltà mal-oqfsa nazzjonali u tal-Unjoni u jippermettu lill-benefiċjarji jressqu l-informazzjoni meħtieġa darba biss.

---

13 Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

14 Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(13) Fil-qasam tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] tenfasizza li l-korpi tas-settur pubbliku, meta jkun possibbli u xieraq, għandhom jagħmlu d-dokumenti disponibbli f'formati miftuħa u li jinqraw elettronikament, flimkien mal-metadata tagħhom, fl-aqwa livell ta' preċiżjoni u granularità, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà.

(14) Fil-qasam tal-***identifikazzjoni*** elettronika, ▌ ir-Regolament ***(UE) Nru 910/2014*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] ***jistabbilixxi qafas tal-interoperabbiltà għall-finijiet ta' interoperabbiltà ta' skemi nazzjonali ta' identifikazzjoni elettronika.***

---

[15] Id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1).

[16] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

(15) Fil-qasam tal-istandardizzazzjoni tal-ICT, ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] jirreferi għall-interoperabbiltà bħala eżitu essenzjali tal-istandardizzazzjoni.

(16) Fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] li jistabbilixxi Orizzont 2020, isemmi b'mod ċar li s-soluzzjonijiet interoperabbli u l-istandards fl-ICT huma fatturi determinanti għas-sħubija tal-industriji fil-livell tal-Unjoni. Il-kollaborazzjoni madwar pjattaformi komuni b'teknoloġija miftuħa b'effetti konsegwenzjali u ta' ingranaġġ se tippermetti li firxa wiesgħa ta' partijiet interessati jibbenefikaw minn żviluppi ġodda u joħolqu aktar innovazzjonijiet.

---

17 Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

18 Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

(17) Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, id-Direttivi 2014/23/UE[19], 2014/24/UE[20] u 2014/25/UE[21] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirrikjedu li l-Istati Membri jimplimentaw l-akkwist elettroniku. Huma jipprovdu li l-għodod u l-apparat li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, iridu jkunu interoperabbli mal-prodotti tal-ICT f'użu ġenerali. Barra minn hekk, id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] tipprovdi għall-iżvilupp ta' standard Ewropew għall-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-fatturar elettroniku fl-Unjoni kollha.

(18) Għalhekk huwa importanti li l-politika li tirrigwarda l-interoperabbiltà u l-użi possibbli tagħha għandhom ikunu koordinati fil-livell tal-Unjoni bil-mod l-aktar effettiv, u l-aktar responsiv possibbli, l għall-utenti finali. Sabiex tiġi eliminata l-frammentazzjoni fil-qasam tal-interoperabbiltà fl-Unjoni, għandhom jiġu promossi fehim komuni tal-interoperabbiltà fl-Unjoni u approċċ olistiku fir-rigward ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà.

---

19 Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

20 Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

21 Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

22 Id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 1).

(19) L-interoperabbiltà hija wkoll element fundamentali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] fil-qasam tal-infrastruttura u s-servizzi tal-broadband. Ir-Regolament ***(UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[24] dwar il-linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jsemmi b'mod espliċitu li ***sett wieħed mill-prijoritajiet*** operazzjonali għall-FNE huwa l-interoperabbiltà, il-konnettività, il-mobilizzazzjoni sostenibbli, l-operat u t-titjib tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej u l-koordinazzjoni tagħhom fil-livell tal-Unjoni. ***B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 jipprevedi għal hekk imsejħa elementi kostitwenti, bħalma huma l-identifikazzjoni elettronika, il-kunsinna elettronika u t-traduzzjoni awtomatizzata, biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà transkonfinali.***

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

[24] Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14).

(20) F'livell politiku, il-Kunsill talab ripetutament għal interoperabbiltà ħafna akbar fl-Ewropa u għal sforzi kontinwi għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. ***Fl***-24 u l-25 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom enfasizza li l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandha titkompla permezz tal-implimentazzjoni rapida tas-servizzi, bħal pereżempju l-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika, il-fatturar elettroniku u l-akkwist elettroniku li jiddependu fuq l-interoperabbiltà. ***L-impenn tal-Istati Membri huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata mobilizzazzjoni veloċi ta' soċjetà elettronika interoperabbli fl-Unjoni u l-involviment tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex iħeġġu l-użu ta' proċeduri onlajn. Barra minn hekk, sabiex tiġi stabbilita amministrazzjoni elettronika aktar effettiva, simplifikata u faċli għall-utent, jista' jkun meħtieġ xi adattament fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, bl-appoġġ tal-Istati Membri. Servizzi pubbliċi onlajn effiċjenti huma kruċjali biex iħeġġu l-kunfidenza tan-negozji u taċ-ċittadini fis-servizzi diġitali.***

(21) Perspettiva ta' interoperabbiltà f'settur uniku hija assoċjata mar-riskju li l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet differenti jew mhux kompatibbli fil-livelli nazzjonali jew settorjali toħloq ostakoli elettroniċi ġodda li jimpedixxu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-moviment liberu assoċjat, u tnaqqas il-ftuħ u l-kompetittività tas-swieq u t-twettiq tas-servizzi ta' interess ġenerali għan-negozji u ċ-ċittadini. Sabiex inaqqsu dak ir-riskju, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom isaħħu l-isforzi konġunti sabiex jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq. ***Huma għandhom*** jiżguraw l-interoperabbiltà transkonfinali jew transsettorjali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet u l-ispejjeż amministrattivi u j***tejbu l-effiċjenza,*** u għandhom jippromwovu s-soluzzjonijiet ICT li jkun sar qbil komuni fuqhom, filwaqt li jiżguraw governanza xierqa.

(22) Fl-istabbiliment, it-titjib jew l-operat ta' soluzzjonijiet komuni l-inizjattivi kollha għandhom, fejn xieraq, jibnu fuq jew ikunu akkumpanjati mill-kondiviżjoni ta' esperjenza u soluzzjonijiet u l-iskambju u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki, in-newtralità u l-adattabbiltà teknoloġika, filwaqt li l-prinċipji ta' sigurtà, privatezza u protezzjoni ta' data personali għandhom ikunu applikati dejjem. F'dak il-kuntest, għandhom jiġu promossi l-konformità mal-QEI, u standards u speċifikazzjonijiet miftuħa.

(23) Bosta programmi suċċessivi ppruvaw jiżguraw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni koerenti ta' strateġiji ta' interoperabbiltà globali u settorjali, oqfsa ġuridiċi, linji gwida, servizzi u għodod sabiex jindirizzaw ir-rekwiżiti skont il-politiki applikabbli fl-Unjoni kollha, bħal pereżempju: (i) il-programm għall-iskambju ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (1999-2004) (il-"Programm IDA"), stabbilit bid-Deċiżjonijiet Nru 1719/1999/KE[25] u Nru 1720/1999/KE[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; (ii) il-programm dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' eGovernment pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet publiċi, negozji u ċittadini (2005-2009) (il-"Programm IDABC"), stabbilit bid-Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]; u (iii) il-programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (2010-2015) (il-"Programm ISA"), stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

Il-Programm stabbilit f'din id-Deċiżjoni għandu jkun ibbażat fuq l-esperjenza miksuba matul dawk il-programmi.

---

[25] Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1719/1999/KE tat-12 ta' Lulju 1999 dwar serje ta' linji gwida, inkluża l-identifikazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni, għan-networks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA) (ĠU L 203, 3.8.1999, p. 1).

[26] Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1720/1999/KE tat-12 ta' Lulju 1999 li tadotta serje ta' azzjonijiet u miżuri biex tiżgura l-interoperabilità ta' u l-aċċess għan-networks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA) (ĠU L 203, 3.8.1999, p. 9).

[27] Id-Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' eGovernment pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet publiċi, negozji u ċittadini (IDABC) (ĠU L 144, 30.4.2004, p. 62).

[28] Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20).

(24) L-attivitajiet fil-programmi IDA, IDABC u ISA għamlu kontributi importanti għall-iżgurar tal-interoperabbiltà fl-iskambju elettroniku ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar Suq uniku diġitali kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun, il-Parlament Ewropew irrikonoxxa l-kontribut u r-rwol kumplessiv tal-Programm ISA fid-definizzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet u l-oqfsa tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, fil-ksib tas-sinerġiji, fil-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet u fil-bidla tar-rekwiżiti ta' interoperabbiltà tagħhom fi speċifikazzjonijiet u standards għas-servizzi diġitali.

(25) Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015. Għalhekk huwa meħtieġ programm ġdid tal-Unjoni dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għal amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini Ewropej (il-"Programm ISA^2") sabiex ***jiġi żviluppat, jinżamm u jiġi promoss approċċ olistiku rigward l-interoperabbiltà sabiex tiġi eliminata l-frammentazzjoni fix-xenarju tal-interoperabbiltà fl-Unjoni u jiġu eliminati l-ostakoli elettroniċi fl-Unjoni, tiġi ffaċilitata interazzjoni elettronika transkonfinali jew transsettorjali effiċjenti u effettiva bejn, minn naħa, l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, u min-naħa l-oħra bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u n-negozji u ċ-ċittadini, biex jiġu identifikati, maħluqa u operati soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet tal-Unjoni, u biex jiġi faċilitat l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà minn amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.***

(26) Minbarra l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, in-negozji u ċ-ċittadini huma wkoll utenti finali tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà minħabba l-użu tagħhom ta' servizzi pubbliċi elettroniċi pprovduti mill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-prinċipju tal-iffukar fuq l-utent japplika, b'mod partikolari, għall-utenti finali tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà. Għandu jiġu interpretat li n-negozji jinkludu, b'mod partikolari, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-mikrointrapriżi, minħabba l-kontribut prezzjuż tagħhom għall-ekonomija tal-Unjoni.

(27) Oqfsa u soluzzjonijiet komuni stabbiliti jew operati skont il-Programm ISA^2 għandhom, kemm jista' jkun, jiffurmaw xenarju tal-interoperabbiltà biex jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-intrapriżi u ċ-ċittadini Ewropej, u biex jiżguraw, jiffaċilitaw u jippermettu l-interoperabbiltà transkonfinali jew transettorjali.

(28) Għandu jkun possibbli li jiġu implimentati azzjonijiet fil-qafas tal-Programm ISA^2 bl-użu ta' "metodoloġija iterattiva".

(29) ***Hekk kif aktar servizzi pubbliċi qed isiru "diġitali awtomatikament", huwa importanti li tiġi massimizzata l-effiċjenza tal-infiq pubbliku fuq is-soluzzjonijiet tal-ICT. Tali effiċjenza għandha tiġi ffaċilitata billi jkun żgurat li l-provvista ta' dawn is-servizzi tiġi ppjanata fi stadju bikri u, fejn possibbli, permezz ta' skambju u użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet sabiex jiġi massimizzat il-valur tal-infiq pubbliku. Il-Programm ISA² għandu jikkontribwixxi għal dak il-għan.***

(30) ***L-interoperabbiltà u, konsegwentement, is-soluzzjonijiet stabbiliti u mħaddma fil-qafas tal-Programm ISA² huma kruċjali għall-isfruttar sħiħ tal-potenzjal tal-gvern elettroniku u tad-demokrazija elettronika billi jippermettu l-implimentazzjoni ta' "one-stop shops" u l-għoti ta' servizzi pubbliċi minn tarf sa tarf u trasparenti li jwasslu għal anqas piż amministrattiv u spejjeż aktar baxxi.***

(31) Bħala utenti finali, in-negozji u ċ-ċittadini għandhom ukoll jibbenefikaw minn servizzi tal-front-office komuni, li jistgħu jerġgħu jintużaw u interoperabbli li jirriżultaw minn integrazzjoni aħjar ta' proċessi u skambju ta' data permezz tal-back-offices tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

(32) *Fl-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tat-***trattament** *ugwali. Iċ-Ċittadini tal-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jingħataw* **trattament** *ugwali* **mill-istituzzjonijiet***, il-korpi, l-uffiċċji u l-organi tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti relatati mal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. F'dak ir-rigward, l-aċċessibbiltà għal kulħadd għandha tkun inkorporata fl-iżvilupp tal-istrateġiji relatati mal-***interoperabbiltà** *tas-servizzi pubbliċi fl-***Unjoni,** *b'kunsiderazzjoni taċ-ċittadini l-iktar żvantaġġati u tal-aktar żoni skarsament popolati sabiex jiġu miġġielda d-***distakk** *u l-esklużjoni diġitali kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu* **tal-20 ta' April 2012** *dwar Suq uniku diġitali kompetittiv – il-Gvern elettroniku bħala xprun.* **L-implimentazzjoni ta'** *servizzi pubbliċi elettroniċi* **mill-amministrazzjonijiet** *pubbliċi Ewropej teħtieġ approċċ inklużiv (inklużjoni* **elettronika***) li, fejn neċessarju, jipprovdi appoġġ u taħriġ tekniku sabiex jitnaqqsu* **l-inugwaljanzi** *fl-użu tas-***soluzzjonijiet tal-ICT** *u jinkorporaw* **il-***forniment ta' servizzi permezz ta' mezzi diversi, inkluż, jekk ikun il-każ, iż-żamma ta' mezzi tradizzjonali ta' aċċess.*

(33) **Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà** *taħt* **il-Program ISA²** *għandhom ikunu żviluppati skont* **id-dritt** *tal-utenti finali li jaċċessaw u jiddistribwixxu informazzjoni u kontenut, jużaw u jipprovdu applikazzjonijiet u servizzi, u jużaw tagħmir terminali tal-għażla tagħhom, irrispettivament* **mill-post** *fejn jinsab l-utent finali jew il-fornitur, jew il-post fejn tinsab l-informazzjoni, il-kontenut, l-applikazzjoni jew is-servizz, jew l-oriġini jew id-destinazzjoni tagħhom, permezz tas-servizz tagħhom ta' aċċess għall-***internet ipprovdut fir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ...** [29*]**.**

---

[29] *Ir-Regolament … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi miżuri dwar l-internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L …).*

[*] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-data ta' pubblikazzjoni tad-dokument ST 10788/2015.

(34) Il-Programm ISA^2 għandu jkun strument għall-modernizzazzjoni tal-***amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej***. ***Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u ż-żieda tal-interoperabbiltà tagħhom hija kontribuzzjoni importanti għall-ikkompletar tas-suq uniku diġitali biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn servizzi elettroniċi interoperabbli, mill-gvern elettroniku sas-saħħa elettronika, bi prijorità lit-tneħħija ta' ostakoli bħal servizzi elettroniċi mhux konnessi. In-nuqqas ta' interoperabbiltà ta' spiss idgħajjef l-implimentazzjoni ta' servizzi diġitali tarf sa tarf u l-iżvilupp ta' one-stop shops għan-negozji u ċ-ċittadini.***

(35) L-interoperabbiltà hija konnessa direttament mal-istandards miftuħa u l-użu ta' ***speċifikazzjonijiet u standards miftuħa***. Il-Programm ISA^2 għandu jippromwovi u, fejn xieraq, jappoġġa l-istandardizzazzjoni parzjali jew sħiħa tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti. Tali standardizzazzjoni għandha tinkiseb f'kooperazzjoni ma' attivitajiet ta' standardizzazzjoni oħrajn fil-livell tal-Unjoni, ma' organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej u ma' organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali oħrajn.

(36) ***Billi tiġi żgurata l-interoperabbiltà, l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej jibqgħu miftuħa u flessibbli biżżejjed biex jevolvu u jkunu kapaċi jinkorporaw sfidi ġodda u oqsma ġodda. L-interoperabbiltà hija kundizzjoni biex ikun jista' jiġi evitat lock-in teknoloġiku, li tagħmel possibbli l-iżviluppi tekniċi u t-trawwim tal-innovazzjoni. Bl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli u oqfsa komuni, il-Program ISA[2] għandu jikkontribwixxi għal interoperabbiltà bejn amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej li tirrispetta n-newtralità teknoloġika, sabiex jiġi evitat lock-in teknoloġiku u jagħmel possibbli kompetizzjoni u innovazzjoni akbar li jagħtu spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni.***

(37) Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020 ***u s-Suq Uniku Diġitali (SUD).*** F'dak il-kuntest, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2011, l-2012 u l-2013 juri li l-kwalità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej għandha impatt dirett fuq l-ambjent ekonomiku u għalhekk hija kruċjali għall-istimulazzjoni tal-produttività, tal-kompetittività, ***tal-kooperazzjoni ekonomika***, tat-tkabbir ***u tal-impjiegi***. Dan huwa rifless b'mod ċar fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż, li jitolbu azzjoni speċifika mmirata lejn ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea.

(38) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jinkludi għan tematiku għal "tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet interessati u amministrazzjoni pubblika effiċjenti". F'dak il-kuntest, il-Programm ISA[2] għandu jkun marbut ***ma' inizjattivi oħra li jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħidma fuq l-interoperabbiltà*** u jfittex sinerġiji magħhom.

(39) L-interoperabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej tikkonċerna l-livelli kollha tal-amministrazzjoni: tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali ulokali Għalhekk huwa importanti ***li tiġi żgurata l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fil-Programm ISA[2] u*** li s-soluzzjonijiet iqisu l-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk taċ-ċittadini u l-intrapriżi fejn rilevanti.

(40) L-amministrazzjonijiet nazzjonali***, reġjonali u lokali*** jistgħu jiġu appoġġati fix-xogħol tagħhom permezz ta' strumenti speċifiċi taħt il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment***, b'mod partikolari l-parti li tikkonċerna l-bini tal-kapaċità istituzzjonali li tinkludi t-taħriġ tal-persunal tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, fejn xieraq***. Il-kooperazzjoni mill-qrib taħt il-Programm ISA[2] għandha timmassimizza l-benefiċċji mistennija minn dawn l-istrumenti billi tiżgura li l-proġetti ffinanzjati jkunu allinjati mal-oqfsa u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà madwar l-Unjoni kollha bħal pereżempju l-QEI.

(41) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-Programm ISA[2] li għandu jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza, skont it-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[30], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(42) Għandha titqies il-possibbiltà li jintużaw il-fondi ta' qabel l-adeżjoni biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fil-Programm ISA[2] u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ulterjuri f'dawk il-pajjiżi tas-soluzzjonijiet previsti fih.

30 ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(43) Il-Programm ISA^2 għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' kull inizjattiva ta' segwitu fil-kuntest tal-Ewropa 2020 u l-ADE. Sabiex jiġi evitat l-irduppjar tal-isforzi, il-Programm ISA^2 għandu jqis kull programm tal-Unjoni ***u inizjattivi*** fil-qasam tas-soluzzjonijiet, is-servizzi u l-infrastrutturi tal-ICT, b'mod partikolari l-FNE, l-Orizzont 2020 ***u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Gvern Elettroniku 2011-2015 stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina dawk l-azzjonijiet meta timplimenta l-Programm ISA^2 u meta tippjana inizjattivi futuri li jaffettwaw l-interoperabbiltà. Għall-fini ta' razzjonalizzazzjoni, l-iskedar tal-laqgħat tal-kumitat tal-Programm ISA^2 għandhom jieħdu kont, sa fejn ikun possibbli, tal-laqgħat skedati relatati ma' inizjattivi u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni.***

(44) *Il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni rigward il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], għandhom japplikaw għal soluzzjonijiet operati taħt il-Programm ISA[2] li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali. Għaldaqstant, dawk is-soluzzjonijiet għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organiżattivi xierqa biex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data taħt id-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, u awtomatikament, id-data personali għandha tkun ipproċessata biss jekk hija adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva fir-rigward tal-għan li għalih tinġabar. Meta jkunu qed jiġi żviluppati u stabbiliti soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, għandha tingħata attenzjoni dovuta għall-impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali.*

---

31 *Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).*

32 *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

33 *Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.)*

(45) ***Meta tevalwa l-Programm ISA², il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari jekk is-soluzzjonijiet maħluqa u implimentati għandhomx impatt pożittiv jew negattiv fuq il-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku u l-iffaċilitar tal-bżonnijiet tan-negozji u ċ-ċittadini, pereżempju billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż tagħhom u billi tissaħħaħ l-interkonnessjoni globali bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej minn naħa waħda u bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u n-negozji u ċ-ċittadini min-naħa l-oħra.***

(46) ***Il-provvista ta' servizzi esterni għall-finijiet tal-Program ISA² fejn meħtieġ hija soġġetta għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] u għad-Direttivi 2014/23/UE, 2014/24/UE u 2014/25/UE.***

(47) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni ***biex tadotta programm kontinwu ta' ħidma***. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35].

(48) Il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli meta, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-programm ta' ħidma stabbilit kontinwu, ***bħal pereżempju riskju ta' interruzzjoni fis-servizz***, raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza jkunu jeħtieġu hekk.

---

[34] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

[35] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.12.2011, p. 13).

(49) L-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni huma li ***tiżviluppa, iżżomm u tippromwovi approċċ olistiku rigward l-interoperabbiltà, biex*** tiffaċilita interazzjoni elettronika transkonfinali jew transsettorjali effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej minn naħa, u bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u n-negozji u ċ-ċittadini min-naħa l-oħra, biex jiġu ***identifikati, maħluqa u operati soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà*** li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet tal-Unjoni, ***u biex jiġi faċilitat l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà minn amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej***. Billi ***dawk l-għanijiet*** ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri jekk dawn jaġixxu waħedhom minħabba li l-istabbiliment tal-funzjoni ta' koordinazzjoni fil-livell Ewropew ikun diffiċli u għali fil-livell tal-Istati Membri mill-Istati Membri nnifishom u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u għanijiet

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għall-2016-2020, programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà ***u oqfsa komuni*** għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (il-"Programm ISA^2").

L-għanijiet tal-Programm ISA^2 għandhom ikunu li:

(a) ***jiżviluppa, iżomm u jippromwovi approċċ olistiku rigward l-interoperabbiltà fl-Unjoni sabiex tiġi eliminata l-frammentazzjoni fix-xenarju tal-interoperabbiltà fl-Unjoni;***

(b) jiffaċilita l-interazzjoni transkonfinali jew transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej minn naħa, u bejn amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u n-negozji u ċ-ċittadini min-naħa l-oħra, u ***biex jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' amministrazzjoni elettronika aktar effettiva, simplifikata u faċli għall-utent fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali ta' amministrazzjoni pubblika;***

(c) ***jidentifika, joħloq u jopera soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà*** li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u attivitajiet tal-Unjoni;

(d) ***jiffaċilita l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà minn amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.***

Il-Programm ISA^2 għandu jqis l-aspetti soċjali, ekonomiċi u oħrajn tal-interoperabbiltà, kif ukoll is-sitwazzjoni speċifika tal-SMEs u tal-mikrointrapriżi , sabiex titjieb l-interazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, minn naħa waħda, u bejn amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u n-negozji u ċ-ċittadini, min-naħa l-oħra.

2. ***Il-Programm ISA^2 għandu jiżgura fehim komuni ta' interoperabbiltà permezz tal-QEI u l-implimentazzjoni tiegħu fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni, permezz tal-Programm ISA^2 għandhatissorvelja l-implimentazzjoni tal-QEI.***

3. Il-Programm ISA^2 jiġi wara, u għandu jikkonsolida, jippromwovi u jespandi, l-attivitajiet tal-Programm ISA.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità ta' organizzazzjonijiet differenti u diversi li jinteraġixxu lejn għanijiet ta' benefiċċju u miftiehma b'mod komuni, li jinvolvu l-qsim ta' informazzjoni u għarfien bejn l-organizzazzjonijiet permezz tal-proċessi tan-negozju li huma jappoġġaw, permezz tal-iskambju ta' data bejn is-sistemi tal-ICTrispettivi tagħhom;

(2) "qafas għall-interoperabbiltà" tfisser approċċ miftiehem rigward l-interoperabbiltà għal organizzazzjonijiet li jixtiequ jaħdmu flimkien għat-twassil konġunt ta' servizzi pubbliċi, li, fi ħdan l-ambitu ta' applikabbiltà tiegħu, jispeċifika ġabra ta' elementi komuni bħal vokabularju, kunċetti, prinċipji, politiki, linji gwida, rakkomandazzjonijiet, standards, speċifikazzjonijiet u prattiki;

(3) "oqfsa komuni" tfisser ***arkitetturi ta' referenza***, speċifikazzjonijiet, ***kunċetti, prinċipji, politiki, rakkomandazzjonijiet,*** standards, metodoloġiji, linji gwida, assi semantiċi ▌ u approċċi u dokumenti simili***, meħuda individwalment jew flimkien f'sett***;

(4) "servizzi komuni" tfisser il-kapaċità organizzattiva u teknika li twassal eżitu wieħed ***lill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej***, inklużi s-sistemi operazzjonali, l-applikazzjonijiet u l-infrastrutturi diġitali ta' natura ġenerika li jissodisfaw rekwiżiti komuni tal-utent f'oqsma politiċi jew żoni ġeografiċi, flimkien mal-governanza operazzjonali ta' appoġġ tagħhom;

(5) "għodod ġeneriċi" tfisser sistemi, pjattaformi ta' referenza, pjattaformi kondiviżi u kollaborattivi, u komponenti ġeneriċi li jissodisfaw rekwiżiti komuni tal-utent f'oqsma politiċi jew żoni ġeografiċi;

(6) ***"soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà" tfisser servizzi komuni u għodod ġeneriċi li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet differenti u diversi, iffinanzjati u żviluppati b'mod awtonomu taħt il-Programm ISA^2 jew żviluppati b'kooperazzjoni ma' inizjattivi tal-Unjoni oħrajn, fuq il-bażi tar-rekwiżiti identifikati tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej;***

(7) "azzjonijiet" tfisser proġetti, soluzzjonijiet li diġà huma f'fażi operazzjonali u miżuri ta' akkumpanjament;

(8) "proġett" tfisser sekwenza limitata fiż-żmien ta' kompiti definiti sew li jindirizzaw ħtiġijiet identifikati tal-utent permezz ta' approċċ f'fażijiet;

(9) ***"azzjonijiet sospiżi" tfisser l-azzjonijiet tal-Programm ISA^2 li l-finanzjament tagħhom huwa sospiż għal ċertu perjodu ta' żmien, iżda li l-għan tagħhom għadu validu u li jibqgħu soġġetti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Programm ISA^2;***

(10) "miżuri ta' akkumpanjament" tfisser:

– miżuri strateġiċi;

– ***informazzjoni, komunikazzjoni tal-benefiċċji tal-Programm ISA^2 u miżuri ta' sensibilizzazzjoni, immirati lejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, u fejn xieraq lejn in-negozji u ċ-ċittadini;***

– miżuri li jappoġġaw il-ġestjoni tal-Programm ISA^2;

– miżuri f'rabta mal-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-iskambju u l-promozzjoni ***tal-aħjar*** prattika;

– miżuri għall-promozzjoni tal-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti;

– miżuri li jimmiraw lejn il-bini tal-komunità u ż-żieda tal-kapaċità; u

– miżuri li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti mal-interoperabbiltà f'oqsma oħra tal-politika tal-Unjoni;

(11) ***"strumenti ta' appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi" tfisser l-għodod, l-oqfsa, il-linji gwida, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà li jappoġġaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej meta jfasslu, jimplimentaw u joperaw soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà;***

(12) ***"amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej" tfisser amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali;***

(13) ***"utenti finali" tfisser amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, negozji, inklużi SMEs u mikrointrapriżi, u ċittadini;***

(14) ***"fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà" tfisser soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li huma neċessarji sabiex jippermettu t-twettiq effiċjenti u effettiv tas-servizzi pubbliċi tul amministrazzjonijiet;***

(15) "Arkitettura Ewropea ta' Referenza għall-Interoperabbiltà" jew "AERI" tfisser struttura ġenerika, li tinkludi prinċipji u linji gwida li japplikaw għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-Unjoni Ewropea;

(16) "Kartografija Ewropea tal-Interoperabbiltà" jew "KEI" tfisser repożitorju ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej ipprovdut mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, ippreżentat f'format komuni u li jikkonforma mal-kriterji speċifiċi tal-użu mill-ġdid u l-interoperabbiltà li jistgħu jiġu rrappreżentati fuq l-AERI.

Artikolu 3

Attivitajiet

Il-programm ISA[2] għandu jappoġġa u jippromwovi:

(a) il-valutazzjoni, it-titjib, ▌ l-operat u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transkonfinali jew transsettorjali eżistenti ***u oqfsa komuni***;

(b) l-iżvilupp, l-istabbiliment, ***il-maturazzjoni***, l-operat u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transkonfinali jew transsettorjali ġodda u ***oqfsa komuni***;

(c) il-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-ICT tad-dritt tal-Unjoni proposta jew adottata;

(d) l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni ***fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali*** li jfixklu l-interoperabbiltà ***transkonfinali jew transsettorjali*** bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej;

▌

(e) l-iżvilupp ta' mekkaniżmi li jkejlu u jikkwantifikaw il-benefiċċji tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà inklużi metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-ispejjeż;

(f) ***l-immappjar u l-analiżi tax-xenarju kumplessiv tal-interoperabbiltà fl-Unjoni permezz tal-istabbiliment, iż-żamma u t-titjib tal-AERI u tal-KEI bħala strumenti li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti u biex jiġu identifikati l-oqsma fejn għad hemm nuqqas ta' tali soluzzjonijiet;***

(g) ***iż-żamma, l-aġġornament, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-IEI, tal-QEI u tal-AERI;***

(h) il-valutazzjoni, l-aġġornament u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni eżistenti u l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet ġodda komuni u ***speċifikazzjonijiet*** u standards ***miftuħa*** permezz tal-pjattaformi ta' standardizzazzjoni tal-Unjoni u b'kooperazzjoni mal-organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni Ewropej jew internazzjonali kif xieraq;

(i) ***iż-żamma u l-pubblikazzjoni ta' pjattaforma li tippermetti l-aċċess u l-kollaborazzjoni fir-rigward tal-aħjar prattiċi, tiffunzjona bħala mezz ta' sensibilizzazzjoni u ta' tqassim ta' soluzzjonijiet disponibbli, inklużi oqfsa ta' sigurtà u sikurezza, u tikkontribwixxi sabiex jiġi evitat l-irduppjar tal-isforzi filwaqt li jiġi nkoraġġut l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet u standards;***

(j) ***il-maturazzjoni ta' servizzi u għodod ġodda ta' interoperabbiltà, u jinżammu u jiġu operati servizzi u għodod eżistenti tal-interoperabbiltà fuq bażi interim;***

(k) ***l-identifikazzjoni u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki, biex jiġu żviluppati linji gwida sabiex jiġu kkoordinati l-inizjattivi ta' interoperabbiltà u biex jiġu animati u appoġġati l-komunitajiet li qed jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għall-qasam ta' interazzjoni transkonfinali jew transsettorjali elettronika bejn l-utenti finali.***

Sal- …[*] , il-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni, bl-għan li ttejjeb l-informazzjoni u żżid is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-Programm ISA² u l-benefiċċji tiegħu, immirata lejn in-negozji, inklużi l-SMEs, u ċ-ċittadini, u li tuża mezzi faċli għall-utenti fis-sit web tal-Programm ISA².

---

* ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: 9 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.***

Artikolu 4

Prinċipji ġenerali

L-azzjonijiet varati jew li jitkomplew fil-Programm ISA[2] għandhom:

(a) ikunu bbażati fuq l-utilità u mmexxija minn ħtiġijiet identifikati ***u mill-għanijiet tal-programm***;

(b) jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

– is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

– l-iffukar fuq l-utent;

– l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà;

– ***twassil tas-servizzi pubbliċi b'tali mod li jiġi evitat distakk diġitali;***

– is-sigurtà, ***ir-rispett għall-***privatezza ***u l-protezzjoni tad-data***;

– il-multilingwiżmu;

– is-simplifikazzjoni amministrattiva ***u l-modernizzazzjoni***;

– it-trasparenza;

– il-preżervazzjoni tal-informazzjoni;

– il-ftuħ;

– l-użu mill-ġdid ***u evitar ta' irduppjar***;

– in-newtralità tekonoloġika, ***soluzzjonijiet li kemm jista' jkun jibqgħu validi fil-futur,*** u l-adattabbiltà teknoloġika; ▌

– l-effettività u l-effiċjenza;

(c) ikunu ***flessibbli,*** estensibbli u applikabbli għal negozji jew oqsma politiċi oħrajn; u

(d) juru sostenibbiltà finanzjarja, organizzazzjonali u teknika.

Artikolu 5

Azzjonijiet

1. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, ***u b'mod konformi mal-Artikolu 8,*** għandha timplimenta l-azzjonijiet speċifikati fil-programm kontinwu ta' ħidma stabbilit skont l-Artikolu 9 ▌ .

2. L-azzjonijiet fil-forma ta' proġetti għandhom, fejn xieraq, jikkonsistu fil-fażijiet li ġejjin:

– inizjazzjoni;

– ippjanar;

– eżekuzzjoni;

– għeluq ***u evalwazzjoni finali***; ▌

– monitoraġġ u kontroll.

Il-fażijiet ta' proġetti speċifiċi għandhom jiġu identifikati u speċifikati fiż-żmien meta l-azzjoni tiġi inkluża fil-programm kontinwu ta' ħidma. ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-evoluzzjoni ta' proġetti.***

3. L-implimentazzjoni tal-programm ISA^2 għandha tkun appoġġata minn miżuri ta' akkumpanjament.

Artikolu 6

Kriterji ta' eliġibbiltà

L-azzjonijiet kollha li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Programm ISA^2 għandhom jikkonformaw mal-kriterji kollha ta' eliġibbiltà li ġejjin:

(a) ***l-għanijiet tal-Programm ISA^2 stabbiliti fl-Artikolu 1(1);***

(b) ***attività waħda jew aktar tal-Programm ISA^2 stabbiliti fl-Artikolu 3;***

(c) ***il-prinċipji ġenerali tal-Programm ISA^2 stabbiliti fl-Artikolu 4;***

(d) ***il-kundizzjonijiet ta' finanzjament stabbiliti fl-Artikolu 11.***

Artikolu 7

Prijoritizzazzjoni

1. ***Soġġetti għall-paragrafu 2, l-azzjonijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibilità għandhom ikunu prijoritizzati skont il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni li ġejjin:***

   (a) ***il-kontribut tal-azzjoni għax-xenarju tal-interoperabbiltà, li jitkejjel skont l-importanza u l-ħtieġa tal-azzjoni biex jitlesta x-xenarju tal-interoperabbiltà madwar l-Unjoni;***

   (b) ***l-ambitu tal-azzjoni, li jitkejjel skont l-impatt orizzontali tiegħu, ladarba jitlesta, fis-setturi kkonċernati;***

   (c) ***il-firxa ġeografika tal-azzjoni, li titkejjel bin-numru ta' Stati Membri u ta' amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej involuti;***

   (d) ***l-urġenza tal-azzjoni, li titkejjel permezz tal-impatt potenzjali tagħha, b'kont meħud tan-nuqqas ta' sorsi oħra ta' finanzjament;***

(e) *il-possibbiltà ta' użu mill-ġdid tal-azzjoni, li titkejjel skont kemm jistgħu jintużaw mill-ġdid ir-riżultati tagħha;*

(f) *l-użu mill-ġdid bl-azzjoni ta' oqfsa u elementi ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà komuni eżistenti;*

(g) *ir-rabta tal-azzjoni ma' inizjattivi tal-Unjoni li għandha titkejjel skont il-livell ta' kollaborazzjoni u kontribut tal-azzjoni għal inizjattivi tal-Unjoni bħalma huwa s-SUD.*

2. *Il-kriterji ta' prijoritizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' valur ugwali. L-azzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw aktar kriterji minn azzjonijiet eliġibbli oħra għandhom jingħataw prijorità akbar biex jiġu inklużi fil-programm kontinwu ta' ħidma.*

Artikolu 8

Regoli ta' implimentazzjoni

1. Fl-implimentazzjoni tal-Programm ISA^2 għandhom jitqiesu kif dovut l-IEI ***u*** l-QEI ▌.

▌

2. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni, is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għandhom jiġu speċifikati b'referenza għall-istandards Ewropej eżistenti u ġodda jew speċifikazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku jew miftuħa għall-iskambju tal-informazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizzi.

3. L-istabbiliment jew it-titjib ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għandhom, fejn xieraq, jibnu jew jiġu akkumpanjati mill-***iskambju ta' fehmiet*** u l-iskambju u l-promozzjoni tal-prattika tajba. ***Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' lill-partijiet ikkonċernati u torganizza konferenzi, workshops u laqgħat oħra fuq kwistjonijiet indirizzati mill-Programm ISA^2.***

4. ***Fl***-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà taħt il-Programm ISA^{2}, għandha ***tingħata*** konsiderazzjoni debita, fejn xieraq, lill-AERI.

5. Is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u l-aġġornamenti tagħhom għandhom, ***fejn ikun il-każ***, jiġu inklużi fil-KEI u jiġu magħmula disponibbli, fejn xieraq, għall-użu mill-ġdid mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

6. ***Il-Kummissjoni għandha, f'kull ħin, tħeġġeġ u tippermetti lil***l-Istati Membri jingħaqdu f'azzjoni jew proġett fi kwalunkwe stadju.

7. Sabiex jiġi evitat l-irduppjar, ▌ soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà ***ffinanzjati fil-qafas tal-Programm ISA^{2} għandhom, fejn xieraq, jirreferenzjaw*** ir-riżultati miksuba permezz ta' inizjattivi rilevanti ▌ tal-Unjoni ***jew*** tal-Istati Membri, ***u għandhom jużaw mill-ġdid soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti.***

8. Sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u jiġu żgurati sforzi kumplimentari u kumbinati, l-azzjonijiet għandhom, fejn xieraq, jiġu kkoordinati ma' inizjattivi rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

9. Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà stabbiliti jew imtejba taħt il-Programm ISA^2 għandhom jibnu fuq il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-iskambju u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki. Il-Programm ISA^2 għandu jippromwovi attivitajiet ta' bini tal-komunità maqdwar oqfsa u soluzzjonijiet ta' interess komuni, li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati inklużi organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u universitajiet.

Artikolu 9

Programm kontinwu ta' ħidma

1. ***Għall-finijiet tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni***, il-Kummissjoni għandha, sal-...[36], tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu programm kontinwu ta' ħidma għall-perjodu ta' applikazzjoni sħiħ ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jemendaw dak il-programm kontinwu ta' ħidma tal-anqas darba fis-sena.

Il-programm kontinwu ta' ħidma għandu jidentifika, jipprijoritizza, jiddokumenta, jagħżel, jimplimenta, ***jopera*** u jevalwa ▌azzjonijiet, ▌jippromwovi r-riżultati tagħhom ***u, soġġett għall-Artikolu 11(5), jissospendi jew itemm il-finanzjament tagħhom.***

2. L-inklużjoni ta' azzjonijiet fil-programm kontinwu ta' ħidma għandha tkun soġġetta għall-konformità tagħhom mal-***Artikoli 6 u 7***. ▌

3. Proġett li jkun ġie varat u żviluppat fil-Programm ISA jew inizjattiva oħra tal-Unjoni jista' jiġi inkluż fil-programm kontinwu ta' ħidma fi kwalunkwe fażi tiegħu.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet baġitarji

1. Il-fondi għandhom jiġu rilaxxati meta proġett jew soluzzjoni fil-fażi operazzjonali tiegħu jew tagħha jiġi/tiġi inkluż/a fil-programm kontinwu ta' ħidma jew wara t-tlestija b'suċċess ta' fażi tal-proġett kif definit fil-programm kontinwu ta' ħidma u kull emenda tiegħu.

2. L-emendi għall-programm kontinwu ta' ħidma li jikkonċernaw l-allokazzjonijiet baġitarji ta' aktar minn EUR 400 000 għal kull azzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

3. L-azzjonijiet fil-Programm ISA^2 jistgħu jirrikjedu l-akkwist ta' servizzi esterni, li għandu jiġi soġġett għar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist kif stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 11

Finanzjament ta' azzjonijiet

1. L-iżvilupp, l-istabbiliment u t-titjib ta' oqfsa komuni u għodod ġeneriċi għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm ISA^2. L-użu ta' tali oqfsa u għodod għandu jiġi ffinanzjat mill-***amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej***.

2. L-iżvilupp, l-istabbiliment, ***il-maturazzjoni*** u t-titjib ta' servizzi komuni għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm ISA^2. Operazzjoni ċentralizzata ta' dawn is-servizzi fil-livell tal-Unjoni tista' tiġi ffinanzjata wkoll mill-Programm ***ISA^2***, fil-każijiet fejn din l-operazzjoni ▌sservi lill-interessi tal-Unjoni u tkun ġustifikata kif dovut fil-programm kontinwu ta' ħidma. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-użu ta' dawk is-servizzi għandu jiġi ffinanzjat b'mezzi oħrajn.

3. Is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li huma meħuda mill-Programm ISA^2 ***biex iwassalhom sal-maturazzjoni jew biex iżommhom fuq bażi interim*** għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm ***ISA^2*** sakemm jittieħdu minn programmi jew inizjattivi oħrajn.

4. Il-miżuri ta' akkumpanjament għandhom jiġu ffinanzjati mill-Programm ***ISA^2***.

5. Il-finanzjament ta' azzjoni tista' tiġi sospiża jew tintemm skont ir-riżultati ta' monitoraġġ u kontroll taħt l-Artikolu 5 u abbażi ta' valutazzjoni ta' jekk l-azzjoni tkomplix tissodisfa l-ħtiġijiet identifikati, u tal-effettività u l-effiċjenza tal-azzjoni.

Artikolu 12

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, in-Negozji u ċ-Ċittadini Ewropej (il-Kumitat tal-ISA[2]). ***Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-***Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Minħabba raġunijiet ġustifikati importanti ħafna ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx sitt xhur.

Artikolu 13

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni ▌ għandha ***timmonitorja*** regolarment l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Programm ISA^2 għall-fini tal-evalwazzjoni ***ta' jekk l-azzjonijiet tiegħu għadhomx jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati. Il-Kummissjoni*** għandha ***tesplora*** wkoll sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni kumplimentari.

2. Il-Kummissjoni tirrapporta annwalment lill-Kumitat ISA^{2,} ***lill-kumitat jew kumitati responsabbli tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kumitat tar-Reġjuni*** dwar l-implimentazzjoni ***u r-riżultati*** tal-Programm ***ISA^2***.

   Il-Kummissjoni timmonitorja ***regolarment*** l-implimentazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-Unjoni kollha, bħala parti mill-programm kontinwu ta' ħidma stabbilit skont l-Artikolu 9***(1)***.

3. ***Il-Kummissjoni għandha twettaq*** evalwazzjoni interim tal-Programm ***ISA^2*** sat-30 ta' Settembru 2019 u evalwazzjoni finali sal-31 ta' Diċembru 2021 u għandha tikkomunika r-riżultati ta' dawk l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-istess dati. F'dak il-kuntest, il-kumitat jew kumitati responsabbli tal-Parlament Ewropew jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjonijiet u li twieġeb id-domandi mqajma mill-membri tagħhom.

4. L-evalwazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jeżaminaw, *inter alia*, ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, l-utilità, ***inkluż, fejn rilevanti, is-sodisfazzjon tan-negozji u taċ-ċittadini*** u s-sostenibbiltà u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-Programm ***ISA²***. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni finali għandha teżamina l-punt sa fejn il-Programm ***ISA²*** laħaq l-għanijiet tiegħu ***bħall-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-Unjoni***, ***b'attenzjoni partikolari għall-bżonnijiet espressi mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej***.

5. L-evalwazzjonijiet għandhom jivvalutaw il-prestazzjoni tal-Programm ***ISA²*** bi tqabbil mal-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1***(1) u l-konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 4***. ***Il-kisba*** tal-għanijiet għandha titkejjel b'mod partikolari ***f'termini*** tal-għadd ta' fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà u permezz tal-għadd ta' strumenti ta' appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi mwassla lill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u użati minnhom. L-indikaturi għall-kejl tar-riżultat u l-impatt tal-Programm ***ISA²*** għandhom jiġu definiti fil-programm kontinwu ta' ħidma.

6. L-evalwazzjonijiet għandhom jeżaminaw il-benefiċċji tal-azzjonijiet għall-Unjoni għall-avvanz tal-politiki komuni, jidentifikaw ***sovrapożizzjonijiet potenzjali u jeżaminaw koerenza ma' oqsma għal titjib*** ▌u jivverifikaw is-sinerġiji ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-FNE.

L-evalwazzjonijiet għandhom jevalwaw ir-rilevanza tal-azzjonijiet tal-Programm ISA^2 għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex itejbu l-interoperabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika u l-effettività tat-twassil tas-servizzi pubbliċi.

7. L-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu, fejn applikabbli, informazzjoni li tirrigwarda:

(a) il-benefiċċji kwantifikabbli ***u kwalifikabbli*** li jagħtu s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà billi jorbtu l-ICT mal-ħtiġijiet tal-utenti ***finali***;

(b) l-impatt kwantifikabbli ***u kwalifikabbli*** tas-soluzzjonijiet interoperabbli bbażati fuq l-ICT.

8. L-azzjonijiet kompluti jew sospiżi għandhom jibqgħu soġġetti għall-evalwazzjoni globali tal-programm. Dawn għandhom jiġu mmonitorjati fir-rigward tal-pożizzjoni tagħhom fix-xenarju tal-interoperabbiltà fl-Ewropa u evalwati f'termini ta' adozzjoni mill-utent, l-użu u l-użu mill-ġdid.

Artikolu 14

Kooperazzjoni internazzjonali

1. Il-Programm ISA^2 għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni minn pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi kandidati fi ħdan il-qafas tal-ftehimiet rispettivi tagħhom mal-Unjoni.

2. Għandha titħeġġeġ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali oħrajn, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tas-Sħubiji Ewro-Mediterranji u tal-Lvant u mal-pajjiżi fil-viċinat, b'mod partikolari dawk tar-reġjuni tal-Balkani tal-Punent u tal-Baħar l-Iswed. L-ispejjeż relatati m'għandhomx ikunu koperti mill-programm ISA^2.

3. Fejn xieraq, il-Programm ***ISA^2*** għandu jippromwovi l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet tiegħu mill-pajjiżi terzi.

Artikolu 15

Inizjattivi mhux tal-Unjoni

Bla ħsara għall-politiki l-oħra tal-Unjoni, is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà stabbiliti u operati taħt il-Programm ISA^2 jistgħu jintużaw minn inizjattivi mhux tal-Unjoni, għal finijiet mhux kummerċjali, sakemm ma jkunx hemm spejjeż addizzjonali għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-għan ewlieni tal-Unjoni tas-soluzzjoni interoperabbli ma jiġix kompromess.

Artikolu 16

Protezzjoni tad-data

L-ipproċessar ta' data personali permezz ta' soluzzjonijiet imħaddma taħt il-Programm ISA^2 għandu jkun konformi mal-prinċipji u mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE, u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 17

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Programm ISA[2] għall-perjodu tal-applikazzjoni tagħha għandu jkun ta' EUR 130 928 000.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3. L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm ISA[2] tista' wkoll tkopri l-ispejjeż għall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa fuq bażi regolari għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-għanijiet tiegħu.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ ***fit-tielet*** jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Minkejja t-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu , l-Artikolu 13 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2021.

Magħmul fi …,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Parlament Ewropew

2014-2019

TESTI ADOTTATI

Edizzjoni proviżorja

P8_TA-PROV(2015)0395

Ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembu 2015 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea (2015/2035(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ("l-Att Elettorali"), anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 1976, kif emendata[37], b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

– wara li kkunsidra t-Trattati u b'mod partikolari l-Artikoli 9, 10, 14 u 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 22, 223(1) u 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-proċedura elettorali tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Lulju 1998 dwar abbozz ta' proċedura elettorali li jinkorpora prinċipji komuni għall-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew[38], ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2014[39] u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar it-titjib tal-modalitajiet prattiċi ta' organizzazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014[40],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-2014[41],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/142/UE tat-12 ta'

---

37 Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1.) kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/81/Euratom, KEFA, KEE, (ĠU L 33, 9.2.1993, p. 15.) u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1.).

38 ĠU C 292, 21.9.1998, p. 66.

39 Testi adottati, P7_TA(2012)0462.

40 Testi adottati, P7_TA(2013)0323.

41 Testi adottati, P7_TA(2013)0082.

Marzu 2013 dwar it-tisħiħ tal-kondotta demokratika u effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew[42],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Rapport fuq l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2014" (COM(2015)0206),

– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew dwar ir-Riforma tal-Liġi Elettorali tal-Unjoni Ewropea[43],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea[44],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini[45],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej[46], u b'mod partikolari l-Artikoli 13, 21 u 31 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 23 u 39 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 45 u 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0286/2015),

A. billi l-Artikolu 223 TFUE jagħti lill-Parlament Ewropew id-dritt li jniedi r-riforma tal-proċedura elettorali tiegħu, bil-għan li titfassal proċedura uniformi li tapplika madwar l-Unjoni jew proċedura li hija bbażata fuq prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha, u li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għaliha;

B. billi r-riforma tal-proċedura elettorali tal-Parlament Ewropew għandha l-għan li ttejjeb id-dimensjoni transnazzjonali u demokratika tal-elezzjonijiet Ewropej u l-leġittimità demokratika tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni, issaħħaħ il-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, ittejjeb il-funzjonament tal-Parlament Ewropew u l-governanza tal-Unjoni, tagħmel ix-xogħol tal-Parlament Ewropew aktar leġittimu, issaħħaħ il-prinċipji ta' ugwaljanza elettorali u opportunitajiet indaqs, issaħħaħ l-effettività tas-sistema għall-kondotta ta' elezzjonijiet Ewropej, u ġġib il-Membri tal-Parlament Ewropew eqreb lejn il-votanti tagħhom, b'mod partikolari tal-iżgħar fosthom;

---

42 ĠU L 79, 21.3.2013, p. 29.
43 PE 558.775 (http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2015/558775/EPRS_IDA(2015)558775_EN.pdf)
44 ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
45 ĠU L 329, 30.12.1993, p. 34.
46 ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

C. billi r-riforma tal-proċedura elettorali trid ukoll tirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u ma għandhiex tipprova tfittex li timponi uniformità bħala fini fiha nnifisha;

D. billi l-possibbiltà li tiġi żviluppata proċedura elettorali uniformi bbażata fuq suffraġju universali dirett ilha minquxa fit-Trattati mill-1957;

E. billi n-numru ta' votanti li dejjem qiegħed jonqos fl-elezzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari fost l-iżgħar votanti, u n-nuqqas ta' interess tal-votanti fi kwistjonijiet Ewropej qed jheddu l-futur tal-Ewropa, u billi hemm għalhekk il-ħtieġa għal ideat li jgħinu biex terġa' tingħata l-ħajja d-demokrazija Ewropea;

F. billi armonizzazzjoni ġenwina tal-proċedura għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri kollha tista' tippromwovi d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni kollha li jipparteċipaw, fuq bażi ugwali, fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, filwaqt li tissaħħaħ id-dimensjoni politika tal-integrazzjoni Ewropea;

G. billi l-kompetenzi tal-Parlament Ewropew ilhom jiżdiedu b'mod gradwali mill-ewwel elezzjonijiet diretti fl-1979, u billi l-Parlament Ewropew issa għandu status ta' koleġiżlatur daqs dak tal-Kunsill fil-parti l-kbira tal-oqsma ta' politika tal-Unjoni, u notevolment bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;

H. billi t-Trattat ta' Lisbona biddel il-mandat tal-Membri tal-Parlament Ewropew, u għamilhom rappreżentanti diretti taċ-ċittadini tal-Unjoni[47] minflok "rappreżentanti tal-popli tal-Istati miġjuba flimkien fil-Komunità"[48];

I. billi l-unika riforma tal-Att Elettorali nnifsu twettqet fl-2002 minħabba l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom[49], li teħtieġ li l-Istati Membri jwettqu l-elezzjonijiet abbażi ta' rappreżentanza proporzjonali bl-użu ta' sistema ta' lista jew sistema ta' vot wieħed trasferibbli u li abolixxiet il-mandat doppju għall-Membri tal-Parlament Ewropew; billi, barra dan, l-Istati Membri ngħataw b'mod espress id-dritt li jistabbilixxu kostitwenzi fuq livell nazzjonali u li jintroduċu limitu nazzjonali li ma jaqbiżx il-5 % tal-voti mitfugħa;

J. billi ftehim komprensiv dwar proċedura elettorali verament uniformi, għadu ma ntlaħaqx, minkejja li xi konverġenza tas-sistemi elettorali seħħet b'mod gradwali, *inter alia* bħala riżultat tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja, bħad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE;

K. billi l-kunċett ta' ċittadinanza tal-Unjoni, formalment introdott fl-ordni kostituzzjonali mit-Trattat ta' Maastricht fl-1993, jinkludi d-dritt li ċ-ċittadini tal-Unjoni jipparteċipaw f'elezzjonijiet Ewropej u muniċipali fl-Istati Membri tagħhom, u fl-Istat ta' residenza

---

47 L-Artikoli 10(2) u 14(2) tat-TUE.

48 L-Artikolu 189(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

49 Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 u t-23 ta' Settembru 2004 li temenda l-Att rigward l-elezzjoni tar-rappreżrntanti tal-Parlament Ewropew bis-suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni 76/787/KEFA, KEE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1).

tagħhom skont l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat[50]; billi l-Karta, li t-Trattat ta’ Lisbona ta saħħa legali vinkolanti, saħħet dan id-dritt;

L. billi, minkejja dawn ir-riformi, l-elezzjonijiet Ewropej, fil-parti l-kbira tagħhom, għadhom irregolati minn liġijiet nazzjonali, il-kampanji elettorali għadhom nazzjonali, u l-partiti politiċi Ewropej ma jistgħux jonoraw suffiċjentement il-mandat kostituzzjonali tagħhom u "jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni" skont l-Artikolu 10(4) tat-TUE;

M. billi l-partiti politiċi Ewropej qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex "jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew" u għaldaqstant għandu jkollhom rwol aktar b'saħħtu fil-kampanji għall-elezzjonijiet Parlamentari biex itejbu l-viżibbiltà tagħhom u juru r-rabta bejn il-vot għal partit nazzjonali partikolari u l-impatt li għandu fuq id-daqs ta' grupp politiku Ewropew fil-Parlament Ewropew;

N. billi l-proċedura għan-nomina tal-kandidati għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tvarja b’mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor u minn partit għal partit, b’mod partikolari fir-rigward ta’ standards tat-trasparenza u dawk demokratiċi, filwaqt li proċeduri miftuħa, trasparenti u demokratiċi għall-għażla tal-kandidati huma essenzjali biex tinbena fiduċja fis-sistema politika;

O. billi l-iskadenzi għall-finalizzazzjoni tal-listi elettorali qabel l-elezzjonijiet Ewropej ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, u attwalment ivarjaw bejn 17-il jum u 83 jum, u dan iqiegħed lill-kandidati u l-votanti fl-Unjoni f'pożizzjoni mhux ugwali fir-rigward tal-ħin għad-dispożizzjoni tagħhom biex iwettqu l-kampanji elettorali jew biex jirriflettu fuq l-għażla tal-vot tagħhom;

P. billi l-iskadenzi għall-finalizzazzjoni tar-reġistru elettorali qabel l-elezzjonijiet Ewropej ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u jistgħu jagħmlu l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-votanti (li huwa mmirat lejn l-evitar ta’ votazzjoni doppja) diffiċli, jekk mhux impossibbli;

Q. billi l-istabbiliment ta’ kostitwenza konġunta fejn fuq quddiem fil-listi tkun imniżżla l-persuna kandidata minn kull familja politika għall-pożizzjoni ta’ President tal-Kummissjoni jsaħħaħ b’mod kunsiderevoli d-demokrazija Ewropea u jkompli jilleġittimizza l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni;

R. billi r-regoli Ewropej eżistenti jippermettu li jiġi stabbilit limitu mhux obbligatorju li jasal sa 5 % tal-voti mitfugħa għall-elezzjonijiet Ewropej, u billi 15-il Stat Membru sfruttaw din l-opportunità u introduċew limitu ta' bejn 3 % u 5 %; billi fl-Istati Membri ż-żgħar, u fl-Istati Membri li qasmu ż-żona elettorali tagħhom f'kostitwenzi, madankollu l-limitu *de facto* huwa ogħla minn 3 % għalkemm ma jeżisti l-ebda limitu ġuridiku; billi l-introduzzjoni ta’ limiti obbligatorji hija rikonoxxuta minn tradizzjoni kostituzzjonali bħala mezz leġittimu biex jiġi garantit li l-parlamenti jkunu jistgħu jiffunzjonaw;

S. billi, minkejja li l-Artikolu 10(2) tal-Att Elettorali jipprojbixxi b'mod espress il-pubblikazzjoni bikrija tar-riżultati tal-elezzjonijiet, dawn ir-riżultati saru disponibbli

[50] L-Artikolu 20(2) tat-TFUE.

għall-pubbliku fil-passat; billi żmien armonizzat għall-għeluq tal-votazzjoni fl-Istati Membri kollha jista' jikkontribwixxi bil-qawwa għall-karattru komuni Ewropew tal-elezzjonijiet Ewropej u jista' jnaqqas il-possibbiltà li r-riżultat tagħhom jiġi influwenzat jekk ir-riżultati tal-elezzjonijiet f'uħud mill-Istati Membri jsiru disponibbli għall-pubbliku qabel l-għeluq tal-votazzjoni fl-Istati Membri kollha;

T. billi l-ewwel projezzjonijiet uffiċjali tar-riżultati elettorali għandhom jitħabbru b'mod simultanju fl-Istati Membri kollha fl-aħħar jum tal-perjodu elettorali fid-21:00 CET;

U. billi l-ħolqien ta’ jum tal-votazzjoni Ewropew komuni jirrifletti aħjar il-parteċipazzjoni komuni taċ-ċittadini madwar l-Unjoni, isaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva u jgħin biex tinħoloq elezzjoni pan-Ewropea iktar koerenti,

V. billi t-Trattat ta' Lisbona stabbilixxa ordni kostituzzjonali ġdid billi kkonċeda lill-Parlament Ewropew id-dritt li jeleġġi l-President tal-Kummissjoni Ewropea[51] minflok milli sempliċiment jagħti l-kunsens tiegħu; billi l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 ħolqu preċedent importanti f’dan ir-rigward u wrew li n-nomina ta’ kandidati ewlenin iżżid l-interess taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet Ewropej;

W. billi n-nomina ta’ kandidati ewlenin għall-kariga ta’ President tal-Kummissjoni Ewropea tipprovdi rabta bejn voti mitfugħa fuq livell nazzjonali u l-kuntest Ewropew u jippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni biex jagħmlu għażliet infurmati bejn programmi politiċi alternattivi; billi n-nomina ta’ kandidati ewlenin minn proċeduri miftuħa u trasparenti ssaħħaħ il-leġittimità demokratika u ssaħħaħ r-responsabbiltà;

X. billi l-proċedura għan-nomina u l-għażla ta’ kandidati ewlenin ta’ dik il-kariga huma espressjoni b’saħħitha tad-demokrazija Ewropea; billi, barra minn hekk, għandha tkun parti integrali tal-kampanji elettorali;

Y. billi d-data ta’ skadenza għan-nomina tal-kandidati mill-partiti politiċi Ewropej għandha tiġi kkodifikata fl-Att Elettorali u billi l-kandidati ewlenin għall-kariga ta’ President tal-Kummissjoni għandhom ikunu kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew;

Z. billi mhux l-Istati Membri kollha jikkonċedu liċ-ċittadini tagħhom il-possibbiltà li jivvutaw minn barra l-pajjiż, u fost dawk li jagħmlu dan, il-kundizzjonijiet għaċ-ċaħda tad-dritt għall-vot ivarjaw ħafna; billi l-għoti liċ-ċittadini tal-Unjoni kollha li jirrisjedu barra mill-Unjoni tad-dritt li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet jista' jikkontribwixxi għal ugwaljanza elettorali; billi, madankollu, jeħtieġ li l-Istati Membri jikkoordinaw aħjar is-sistemi amministrattivi tagħhom sabiex jipprevjenu lill-votanti milli jivvutaw darbtejn f’żewġ Stati Membri differenti;

AA. billi mill-inqas 13-il Stat Membru ma għandhomx regoli interni xierqa li jipprekludu liċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom ċittadinanza doppja tal-Istati Membri milli jivvutaw darbtejn, bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Att Elettorali;

AB. billi awtorità elettorali, li taġixxi bħala netwerk ta’ awtoritajiet ta’ kuntatt uniku tal-Istati Membri, għandha tiġi stabbilita fil-livell tal-Unjoni, peress li tkun tista’ tiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni dwar ir-regoli li jirregolaw l-elezzjonijiet Ewropej kif ukoll

[51] L-Artikolu 17(7) tat-TUE.

tissimplifika l-proċess u ssaħħaħ in-natura Ewropea ta’ dawn l-elezzjonijiet; billi, għalhekk, il-Kummissjoni hija mistiedna tesplora l-arranġamenti prattiċi meħtieġa biex tiġi stabbilita tali awtorità fil-livell tal-Unjoni;

AC. billi l-età minima għall-eliġibbiltà biex wieħed joħroġ bħala kandidat fit-28 Stat Membru tvarja bejn it-18 u l-25 sena, u l-età minima għall-eliġibbiltà għall-vot tvarja bejn is-16 u t-18-il sena minħabba t-tradizzjonijiet kostituzzjonali u elettorali differenti fl-Istati Membri; billi l-armonizzazzjoni tal-età tal-votazzjoni, u l-età minima għall-kandidati, għandha tkun attraenti ħafna bħala mezz biex iċ-ċittadini tal-Unjoni jingħataw ugwaljanza reali fil-votazzjoni, u tista' tippermetti li tiġi evitata d-diskriminazzjoni fil-qasam l-aktar fundamentali taċ-ċittadinanza, li hu d-dritt ta’ parteċipazzjoni fil-proċess demokratiku;

AD. billi l-istabbiliment u l-konsolidazzjoni uffiċjali tal-partiti politiċi fil-livell tal-Unjoni qed irawmu l-iżvilupp tal-għarfien politiku Ewropew u qed jipprovdu espressjoni tax-xewqat taċ-ċittadini tal-Unjoni, u billi dan iffaċilita wkoll il-proċess tat-tqarrib gradwali ta’ sistemi elettorali;

AE. billi l-votazzjoni postali, elettronika u fuq l-internet tista' trendi t-twettiq tal-elezzjonijiet Ewropej aktar effiċjenti u aktar attraenti għall-votanti, bil-kundizzjoni li jiġu żgurati l-ogħla standards possibbli ta' protezzjoni tad-data;

AF. billi fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, il-membri tal-eżekuttiv jistgħu jfittxu li jiġu eletti għall-parlament nazzjonali mingħajr ma jkollhom iwaqqfu l-attività istituzzjonali tagħhom;

AG. billi, minkejja progress kontinwu sa mill-1979 f’termini ta’ bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fit-tqassim tas-siġġijiet, għad hemm diverġenzi konsiderevoli f’dan ir-rigward bejn l-Istati Membri, b’10 minnhom b’livell aktar baxx minn 33 % koperti mis-sess inqas rappreżentat; billi l-kompożizzjoni attwali tal-Parlament Ewropew, li tinkludi biss 36.62 % nisa, ma tilħaqx il-valuri u l-għanijiet ta’ ugwaljanza bejn is-sessi sostnuti fil-Karta;

AH. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tinkiseb, bħala wieħed mill-valuri ta’ bażi tal-Unjoni, filwaqt li huma biss ftit l-Istati Membri li integraw dan il-prinċipju fil-liġijiet elettorali nazzjonali tagħhom; billi l-kwoti tal-ġeneru fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u ż-zipped lists iddimostraw li huma għodod effettivi ħafna biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u l-iżbilanċi ta' poter bejn is-sessi u biex titjieb ir-rappreżentanza demokratika f'korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;

AI. billi l-prinċipju ta’ proporzjonalità digressiva minquxa fit-TUE kkontribwixxa b’mod sinifikanti għas-sjieda komuni tal-proġett Ewropew bejn l-Istati Membri kollha,

1. Jiddeċiedi li jirriforma l-proċedura elettorali tiegħu fi żmien xieraq qabel l-elezzjonijiet tal-2019, bil-għan li tissaħħaħ id-dimensjoni transnazzjonali u demokratika tal-elezzjonijiet Ewropej u tal-leġittimità demokratika tal-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet tal-UE, bit-tisħiħ tal-kunċett taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-ugwaljanza elettorali, il-promozzjoni tal-prinċipju ta’ demokrazija rappreżentattiva u ta’ rappreżentanza diretta taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, f’konformità mal-Artikolu 10 TFUE, biex jittejbu l-funzjonament tal-Parlament Ewropew u l-governanza tal-Unjoni, u b’hekk il-ħidma tal-Parlament Ewropew issir aktar leġittima u effikaċi, tittejjeb l-

effikaċja tas-sistema għall-kondotta ta' elezzjonijiet Ewropej, titrawwem sjieda komuni fost iċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha, tissaħħaħ il-kompożizzjoni bbilanċjata tal-Parlament Ewropew, u jiġi pprovdut l-ogħla livell possibbli ta' ugwaljanza elettorali u l-parteċipazzjoni għaċ-ċittadini tal-Unjoni;

2. Jipproponi li l-viżibbiltà tal-partiti politiċi Ewropej tiżdied billi isimhom u l-logos tagħhom jitqiegħdu fuq il-karti tal-votazzjoni, u jirrakkomanda li l-istess għandu jidher fil-kampanji fuq ix-xandir televiżiv u fuq ir-radju, fuq il-posters u materjal ieħor li jintuża fil-kampanji elettorali Ewropej, speċjalment il-manifesti tal-partiti nazzjonali, billi dawn il-miżuri jistgħu jrendu l-elezzjonijiet Ewropej aktar trasparenti u jtejbu l-mod demokratiku li bih jitwettqu, billi ċ-ċittadini jkunu jistgħu jorbtu b'mod ċar il-vot tagħhom mal-impatt li għandu fuq l-influwenza politika tal-partiti politiċi Ewropej u l-kapaċità tagħhom biex jiffurmaw gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew;

3. Iqis, fl-istess ħin, fid-dawl tal-impenn tal-Unjoni lejn is-sussidjarjetà, li l-partiti politiċi reġjonali li jikkompetu f'elezzjonijiet Ewropej għandhom isegwu l-istess prattika u li l-awtoritajiet reġjonali għandhom jiġu inkoraġġiti jużaw lingwi reġjonali rikonoxxuti uffiċjalment f'dak il-kuntest;

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-partiti politiċi Ewropej, kif ukoll tal-kandidati ewlenin tagħhom, f'kampanji elettorali, b'mod partikolari fuq it-televiżjoni u f'midja oħra;

5. Jiddetermina li jistabbilixxi skadenza minima komuni ta' 12-il ġimgħa qabel jum l-elezzjoni għall-istabbiliment ta' reġistri elettorali, sabiex tittejjeb l-ugwaljanza elettorali billi jipprovdi lill-kandidati u lill-votanti fl-Unjoni bl-istess perjodu li fih ikunu jistgħu jħejju u jirriflettu minn qabel dwar il-vot; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirriflettu fuq modi li jiżguraw konverġenza akbar bejn ir-regoli li jirregolaw kampanji elettorali dwar l-elezzjonijiet Ewropej;

6 Iqis li huwa essenzjali li l-partiti politiċi fil-livelli kollha jadottaw proċeduri demokratiċi u trasparenti għall-għażla tal-kandidati; jirrakkomanda li l-partiti nazzjonali jorganizzaw votazzjoni b'mod demokratiku biex jagħżlu l-kandidati tagħhom għall-elezzjonijiet Ewropej;

7. Jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' limitu obbligatorju, li jvarja bejn 3 % u 5 % għall-allokazzjoni ta' siġġijiet fi Stati Membri b'kostitwenza waħda u kostitwenzi li fihom tintuża s-sistema ta' listi u li jinkludu aktar minn 26 siġġu; iqis din il-miżura bħala importanti għas-salvagwardja tal-funzjonament tal-Parlament Ewropew, billi tevita aktar frammentazzjoni;

8. Jipproponi, minkejja l-fatt li l-Istati Membri huma ħielsa jiddeterminaw il-jum/jiem tal-elezzjonijiet fi ħdan il-perjodu elettorali, li l-elezzjonijiet fl-Istati Membri kollha jispiċċaw fid-21:00 CET tal-Ħadd tal-elezzjonijiet Ewropej, billi dan jiżgura l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 10(2) tal-Att Elettorali u b'hekk titnaqqas il-possibbiltà li r-riżultat tal-elezzjonijiet jiġi influwenzat jekk ir-riżultati tal-elezzjoni f'uħud mill-Istati Membri jsiru disponibbli għall-pubbliku qabel l-għeluq tal-votazzjoni fl-Istati Membri kollha; huwa favur li l-projbizzjoni ta' tħabbir kmieni tar-riżultati tal-elezzjonijiet għandha tibqa' fis-seħħ fl-Istati Membri kollha;

9. Jiddeterminali jistabbilixxi data ta' skadenza komuni għan-nomina ta' kandidati

ewlenin mill-partiti politiċi Ewropej 12-il ġimgħa qabel l-elezzjonijiet Ewropej, sabiex ikunu jistgħu jiġu ppreżentati l-programmi elettorali tagħhom, jiġu organizzati d-dibattiti politiċi bejn il-kandidati u jsiru kampanji elettorali madwar l-Unjoni kollha; iqis li l-proċess tan-nomina tal-kandidati ewlenin jikkostitwixxi aspett importanti tal-kampanji elettorali minħabba r-rabta impliċita bejn ir-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej u l-għażla tal-President tal-Kummissjoni kif minqux fit-Trattat ta' Lisbona;

10. Jiddeterminali jistabbilixxi data ta' skadenza komuni ta' tmien ġimgħat għall-finalizzazzjoni tar-reġistru elettorali u sitt ġimgħat għall-informazzjoni rigward iċ-ċittadini tal-Unjoni b'ċittadinanza doppja u ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru ieħor li għandha tiġi skambjata mal-awtorità nazzjonali unika inkarigata mill-votazzjoni elettorali;

11. Jissuġġerixxi li l-integrità tal-elezzjonijiet għandha tissaħħaħ billi jiġi limitat l-infiq tal-kampanja għal ammont raġonevoli li jippermetti l-preżentazzjoni xierqa ta' partiti politiċi, kandidati u l-programmi elettorali tagħhom;

12. Jipproponi li ċ-ċittadini tal-Unjoni kollha, inklużi dawk li jirrisjedu jew jaħdmu f'pajjiż terz, jingħataw id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew; iqis li dan, finalment, jista' jagħti liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni l-istess dritt għall-vot fl-elezzjonijiet Ewropej taħt l-istess kundizzjonijiet, irrispettivament mill-post ta' residenza jew taċ-ċittadinanza tagħhom;

13. Jitlob lill-Istati Membri, madankollu, biex jikkoordinaw aħjar is-sistemi amministrattivi tagħhom sabiex jipprevjenu lill-votanti milli jivvutaw darbtejn f'żewġ Stati Membri differenti;

14. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jippermettu votazzjoni postali, elettronika u fuq l-internet sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha u għalihom il-votazzjoni ssir aktar faċli, u speċjalment għall-persuni b'mobilità mnaqqsa u għal persuni li jirrisjedu jew jew jaħdmu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini jew f'pajjiż terz, dment li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata kull possibbiltà ta' frodi fl-użu ta' votazzjoni permezz ta' dawk il-mezzi;

15. Bħala pass futur, jirrakkomanda lill-Istati Membri li jikkunsidraw modi biex jarmonizzaw l-età minima tal-votanti u jagħmluha ta' 16-il sena sabiex ikomplu jżidu l-ugwaljanza elettorali bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni;

16. Jitlob li jsir rieżami tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li jiġu adottati r-regoli dwar il-Kummissarji li jfittxu li jiġu eletti fil-Parlament Ewropew, sabiex ma tiġix impedita l-effiċjenza istituzzjonali tal-Kummissjoni fi żmien l-elezzjonijiet, waqt li jiġi evitat l-użu ħażin tar-riżorsi istituzzjonali;

17. Jiddeterminali jagħti lill-Parlament id-dritt li jistabbilixxi l-perjodu elettorali għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew wara li jikkonsulta mal-Kunsill;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw oqfsa legali adegwati li jiżguraw l-ogħla standards ta' kopertura fil-midja informattiva, ġusta u oġġettiva matul il-kampanji elettorali, b'mod partikolari minn xandara tas-servizz pubbliku; iqis li dan huwa kruċjali sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata dwar

programmi politiċi li jikkompetu; jirrikonoxxi l-importanza ta’ strumenti awtoregolatorji bħalma huma l-kodiċi ta’ kondotta biex jintlaħaq dan l-għan;

19. Jitlob li jissaħħu l-istandards maħsuba biex tiġi żgurata kompetizzjoni ħielsa u mingħajr xkiel bejn il-partiti politiċi u, b’mod partikolari, li jittejbu l-pluraliżmu tal-midja u n-newtralità fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika fir-rigward tal-proċess elettorali;

20. Jenfasizza l-importanza ta’ preżenza akbar tan-nisa fit-teħid ta’ deċiżjonijiet politiċi u rappreżentanza aħjar tan-nisa fl-elezzjonijiet Ewropej; għaldaqstant, jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippromwovu l-prinċipju ta’ ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tul il-proċess elettorali kollu; jenfasizza f’dan ir-rigward l-importanza ta’ reġistri elettorali bbilanċjati fis-sessi;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jippromwovu rappreżentanza adegwata ta’ minoranzi etniċi, lingwistiċi u minoranzi oħra fl-elezzjonijiet Ewoprej;

22. Iqis li jkun xieraq li tiġi stabbilita Awtorità Elettorali Ewropea li tingħata l-kompitu li tiċċentralizza informazzjoni dwar l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, tissorvelja t-tmexxija tal-elezzjonijiet u tiffaċilita l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri;

23. Jiddetermina li l-kariga ta’ Membru tal-Parlament Ewropew għandha tkun inkompattibli wkoll ma’ dik ta’ membru ta’ parlament reġjonali jew assemblea b’setgħat leġislattivi;

24. Ifakkar li, minkejja r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, l-Istati Membri ripetutament naqsu milli jaqblu dwar jum ta’ votazzjoni komuni; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaħdmu ħalli jintlaħaq ftehim dwar din il-kwistjoni;

25. Jissottometti lill-Kunsill il-proposta annessa għall-emenda tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew permezz ta' suffraġju universali dirett[52];

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

52 L-emendi fil-proposta annessa huma bbażati fuq konsolidazzjoni mis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew fuq il-bażi tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Assemblea b'suffraġju universali dirett (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5), kif emendat bid-Deċiżjoni 93/81/Euratom, KEFA, KEE li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L 33, 9.2.1993, p. 15), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom tal-25 ta' Ġunju 2002 u tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1). Ivarja mill-verżjoni kkonsolidata prodotta mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (CONSLEG. 1976X1008-23/09/2002) fuq żewġ punti: jinkorpora inċiż għall-Artikolu 7(1) ' - membru tal-Kumitat tar-Reġjuni' li jirriżulta mill-Artikolu 5 tat-Trattat ta' Amsterdam (ĠU C 340, 10.11.1997) u huwa nnumerat mill-ġdid skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom.

ANNESS

Proposta għal-

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Parlament Ewropew,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġislattiva speċjali,

Billi d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jirrigwardaw il-proċedura elettorali għandhom jiġu implimentati,

ADOTTA d-dispożizzjonijiet li ġejjin u jirrakkomanda li jiġu approvati mill-Istati Membri skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom.

Artikolu 1

L-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom[53], huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. F'kull Stat Membru, il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu eletti bħala rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni fuq il-bażi ta' rappreżentanza proporzjonali, bl-użu tas-sistema ta' lista jew tal-vot wieħed trasferibbli.".

(2) L-artikolu li ġej huwa mdaħħal:

"Artikolu 2a

[53] Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1).

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità, jiddeċiedi fuq kostitwenza konġunta fejn fuq quddiem fil-listi tkun imniżżla l-persuna kandidata minn kull familja politika għall-pożizzjoni ta’ President tal-Kummissjoni.".

(3) LArtikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Għall-kostitwenzi, u għall-Istati Membri b'kostitwenza waħda, li fihom tintuża s-sistema ta' lista u li jinkludu aktar minn 26 siġġu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livell limitu għall-allokazzjoni ta' siġġijiet li ma għandux ikun inqas minn 3 fil-mija, u ma għandux jeċċedi l-5 fil-mija tal-voti mitfugħa fil-kostitwenza, jew fl-Istat Membru b'kostitwenza waħda, ikkonċernati.".

(4) L-artikoli li ġejjin huma mdaħħla:

"Artikolu 3a

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi skadenza għall-istabbiliment tal-listi ta’ kandidati għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew. Dik l-iskadenza għandha tkun ta’ mill-inqas 12-il ġimgħa qabel il-bidu tal-perjodu elettorali msemmi fl-Artikolu 10(1).

Artikolu 3b

L-iskadenza għall-istabbiliment u l-finalizzazzjoni ta’ reġistru elettorali għandha tkun ta’ tmien ġimgħat qabel l-ewwel jum tal-elezzjoni.

Artikolu 3c

Il-partiti politiċi li jieħdu sehem fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom josservaw proċeduri demokratiċi u trasparenti fl-għażla tal-kandidati tagħhom għal dawk l-elezzjonijiet.

Artikolu 3d

Il-lista ta’ kandidati għall-elezzjoni tal-Parlament Ewropew għandha tiżgura l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Artikolu 3e

Il-poloz tal-vot użati f’elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom jagħtu l-viżibilità ugwali lill-ismijiet u l-logos tal-partiti nazzjonali u għal dawk tal-partiti politiċi Ewropej.

L-Istati Membri għandhom iħeġġu u jiffaċilitaw l-għoti ta’ dawn l-affiljazzjonijiet fil-kampanji fuq ix-xandir televiżiv u bir-radju u fuq il-materjali tal-kampanji elettorali. Il-materjali tal-kampanja elettorali għandhom jinkludu referenza għall-manifest tal-partit politiku Ewropew, jekk ikun hemm, li miegħu huwa affiljat il-partit nazzjonali.

Ir-regoli dwar l-impustar ta’ materjali elettorali lill-votanti fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom ikunu l-istess bħal dawk applikati għall-elezzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 3f

Il-partiti politiċi Ewropej għandhom jinnominaw il-kandidati tagħhom għall-kariga ta' President tal-Kummissjoni tal-inqas 12-il ġimgħa qabel il-bidu tal-perjodu elettorali msemmi fl-Artikolu 10(1).".

(5) L-artikoli li ġejjin huma mdaħħla:

"Artikolu 4a

L-Istati Membri jistgħu jintroduċu l-votazzjoni elettronika u bl-internet għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u, meta jagħmlu dan, għandhom jadottaw miżuri suffiċjenti biex jiżguraw l-affidabbiltà tar-riżultat, is-segretezza tal-vot u l-protezzjoni tad-data.

Artikolu 4b

L-Istati Membri jistgħu jikkonċedu liċ-ċittadini tagħhom il-possibbiltà li jivvutaw bil-posta fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.".

(6) Fl-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu huwa mħassar.

(7) Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

1. Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jivvutaw fuq bażi individwali u personali. Huma ma għandhom ikunu marbuta b’ebda istruzzjoni u ma għandhomx jirċievu mandat vinkolanti. Għandhom jirrappreżentaw liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

2. Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu mill-privileġġi u l-immunitajiet applikabbli għalihom bis-saħħa tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.".

(8) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-uffiċċju ta' membru tal-Parlament Ewropew għandu jkun inkompattibli ma dak ta':

– membru tal-gvern ta' Stat Membru,

– membru ta’ parlament nazzjonali jew reġjonali jew assemblea b’setgħat leġislattivi,

– membru tal-Kummissjoni,

– Imħallef, Avukat Ġenerali jew Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

– membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

– membru tal-Qorti tal-Awdituri,

– l-Ombudsman Ewropew,

– membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

– membru tal-Kumitat tar-Reġjuni,

– membru ta' kumitati jew korpi oħra mwaqqfa skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-finijiet ta' mmaniġġjar tal-fondi tal-Unjoni jew għat-twettiq ta' ħidma amministrattiva diretta permanenti,

– membru tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Ġestjoni jew il-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investiment,

– uffiċjal jew impjegat attiv tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew tal-korpi speċjalizzati marbuta magħhom jew tal-Bank Ċentrali Ewropew.";

(b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Membri tal-Parlament Ewropew li għalihom jibdew japplikaw il-paragrafi 1 u 3 matul il-perjodu ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom jiġu sostitwiti skont l-Artikolu 13.".

(9) L-artikoli li ġejjin huma mdaħħla:

"Artikolu 9a

Iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, inklużi dawk li jirrisjedu jew jaħdmu f'pajjiż terz, għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

Artikolu 9b

Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità ta' kuntatt responsabbli għall-iskambju ta' dejta dwar votanti mal-kontroparti tagħha fl-Istati Membri l-oħra. Dik l-awtorità għandha tittrażmetti lil dawk il-kontropartijiet, sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel l-ewwel jum tal-elezzjoni u permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi uniformi u sikuri, id-dejta dwar iċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini ta' iktar minn Stat Membru wieħed u ċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini tal-Istat Membru li fih ikunu residenti.

L-informazzjoni trażmessa għandha tinkludi mill-inqas il-kunjom u l-isem, l-età, il-post ta' residenza, u d-data tal-wasla fl-Istat Membru kkonċernat, taċ-ċittadin inkwistjoni.".

(10) L-Artikoli 10 u 11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 10

1. L-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom isiru fid-data jew fid-dati u l-ħinijiet stabbiliti minn kull Stat Membru. Għall-Istati Membri kollha din id-data jew dawn id-dati għandhom ikunu fl-istess perjodu li jibda l-Ħamis filgħodu u jispiċċa l-Ħadd ta' wara. L-elezzjoni għandha tintemm fl-Istati Membri kollha sad-21:00 CET ta' dak il-jum tal-Ħadd.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jippubblikaw b'mod uffiċjali r-riżultati tal-għadd tagħhom qabel ma jingħalqu l-votazzjonijiet. L-ewwel projezzjonijiet uffiċjali tar-riżultati għandhom jiġu kkomunikati b'mod simultanju fl-Istati Membri kollha fi tmiem il-perjodu elettorali speċifikat fil-paragrafu 1. Qabel dan, l-ebda previżjoni bbażata fuq ir-riżultati tal-votazzjoni ma tista' tiġi ppubblikata.

3. L-għadd tal-voti bil-posta għandu jibda fl-Istati Membri kollha ladarba tkun ingħalqet il-votazzjoni fl-Istati Membri fejn il-votanti jivvutaw l-aħħar fil-perjodu elettorali msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 11

1. Il-Parlament Ewropew, wara li jikkonsulta lill-Kunsill, għandu jiddetermina l-perjodu elettorali għall-elezzjonijiet tal-inqas sena qabel tmiem il-mandat ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 5.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 229 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew għandu jiltaqa', mingħajr il-bżonn li jiġi msejjaħ, nhar l-ewwel Tlieta wara li jkun għadda intervall ta' xahar minn tmiem il-perjodu elettorali.".

(11) L-Artikoli 14 u 15 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Il-miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan l-Att għandhom jiġu proposti mill-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, u adottati mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Artikolu 15

Dan l-Att huwa mħejji fil-lingwa Daniża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Netherlandiża, , , , Portugiża, Spanjola, Taljana u Żvediża, filwaqt li t-test f'kull waħda minn dawn il-lingwi huwa ugwalment awtentiku.

Skont it-Trattati tal-Adeżjoni, il-verżjoni Bulgara, Ċeka, Estonjana, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakka, Slovena u Ungeriża ta' dan l-Att għandhom ikunu awtentiċi wkoll.".

(12) L-Annessi I and II huma mħassra.

Artikolu 2

1. L-emendi stabbiliti fl-Artikolu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-approvazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni mill-Istati Membri, skont il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar it-tlestija tal-proċeduri nazzjonali tagħhom.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet